MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru. 37/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**JOSEPH BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BUTTIGIEG** ta' tmienja w hamsin sena bin Emanuel u Mary nee Mercieca, imwieled x-Xaghra, Ghawdex nhar l-hamsa ta' Settembru 1944 u residenti 52A, Triq Ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 69744G, gie mressaq quddiemha akkuzata talli fit-tmienja ta' Settembru 2003 u fis-snin ta' qabel bil-hsieb li jaghmel hsara lil Joseph Xuereb u lil Victor Theuma, akkuzahom quddiem awtorita

kompetenti u cioe s-Supretendent Joseph Valletta, li huma b'xi mod involuti fit-traffikar ta' droga,

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi hawn fuq imsemmija bil-hsieb li jtellef jew inqqqas l-gieh ta' Joseph Xuereb u Victor Theuma, weggghahom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti a fol 3 markat bhala dokument CSH, datat tnejn ta' Dicembru 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-hdax ta' Marzu 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a fol 9 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Frar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed s-Supretendent Joseph Valletta** [fol 11] fejn qal nhar s-sebgha ta' Settembru 2003, lejliet il-Vitorja, hu kien xoghol ix-Xaghra fejn kien hemm il-festa u kien fil-pjazza u waqt li kien hemm avvicinah certu Joseph Buttigieg li kien fil-kumpanija ta' martu u qabad diskursata mieghu fejn qallu li siehbu kien haraq xi murtali ghaliex kellu l-birthday. Ix-xhud qal li staqsih ghal min kien qed jirreferi u dan Joseph Buttigieg qallu li kien qed jirreferi ghal xi dentist. Ix-xhud qal li Joseph Buttigieg qallu li kien ra lix-xhud jixrob mieghu jigifieri ma dan d-dentist. Kompla jghidlu li kien rah jixrob mieghu f'xi okkazzjonijiet. Ix-xhud kompla jghid li wara ftit Joseph Buttigieg qallu "Isma dik li qabdu ghalih kienet". Huwa ma fehemux u staqsih x'kienu qabdu u l-imputat irrispondih "Dik il-konsenja droga". Is-Supretendent Valletta spjega li ftit jiem qabel kienet

inqabdet konsenja droga Malta. Buttigieg kompla jghidlu illi kien cert minn dan u qallu li fil-fatt kienet ghad-dentist u ghal certu Victor Axisa, l-kuntrattur tax-Xaghra. Ix-xhud spjega li huwa kien jaf dan il-kuntrattur maghruf bhala Ta' Ksisa, ghalkemm stqarr li kunjomu huwa Theuma. Ix-xhud kompla jghid li Joseph Buttigieg kien qallu li kien qed jghidlu dak sabiex jiftahlu ghajnejh u ma jaghmilhiex aktar maghhom. Mistoqsi mill-Qorti jekk Joseph Buttigieg kienx implika li d-dentist u Thuema kienu nvoluti fid-droga, x-xhud rrisponda li dawn it-tnejn kienu hbieb sewwa tieghu, d-denstist kien jiltaqa mieghu fuq affarijiet socjali u Victor Theuma kien wiehed mill-hbieb veri li huwa kellu Ghawdex u li gieli hareg jiekol maghhom u li kien jafhom t-tnejn *inside out*. L-Ispettur Maurice Curmi gieli kien hdejh u li xi hin minnhom warrab xi ftit minn hdejh waqt din id-diskursata.

Meta **reggha xehed s-Supretendent Joseph Valletta** [fol 34] nhar t-tletin ta' Settembru 2004, huwa stqarr li ma kien investiga lil hadd fuq din l-allegazzjoni u dan ghar-raguni semplici peress li hu kien personalment jaf lil Joseph Xuereb u lil Victor Theuma u kien jaf x’nies huma. Kompla jghid li rapport formali l-imputat qatt ma ghamel mieghu.

Zied jghid li kemm Joseph Xuereb kif wkoll Victor Theuma kienu marru jkellmuh fuq kwistjoni li kellhom ma l-imputat u li ghahekk hass li r-rapport li ghamel l-imputat fuqhom kien wiehed ta’ vendikazzjoni. Qal ukoll li l-imputat qallu "ara ma min qed tghamilha" u "tghamilhiex maghhom ghax dawk ser jghalluk ghax dawk involuti fid-droga." Meta huwa tkellem mal-imputat, kien bl-uniformi tal-Pulizija.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed Dottor Joseph Xuereb** [fol 13] fejn stqarr li l-Ispettur Maurice Curmi kien diga qallu xi hames snin qabel li l-imputat kien qed jallega li huwa qed jittraffika fid-droga pero dakinhar ma kienx ta kasu. Spjega ukoll kif xi sentejn jew tlieta wara hu kien mar jigbor lit-tifel tieghu mill-Iscouts u l-iscout leader, li hu mpjegat fid-dipartiment tal-Ilma kien qallu li l-imputat kien stqarr mieghu li huwa kien qed jisraq l-ilma. F’din l-

okkazjoni ghal darb'ohra huwa ma kienx ta kaz din il-qlajja.

Fis-sajf 2003, kien ircieva telefonata minghand l-Ispettur Maurice Curmi li s-Supretendent Joseph Valletta kellu bzonn jkellmu u meta mar ghandu dan qallu li kien gie avvicinat mill-imputat, li stqarr mieghu li ma kienx jafu, u qallu biex joqghod attent ma min jghamilha ghaliex d-dentist jittraffika d-droga, u peress li din ma kienetx l-ewwel darba li gie ingurjat mill-imputat, ix-xhud qal li qabad u cempel lil avukat tieghu Dottor Galea sabiex jistaqsih x'setgha jaghmel biex dawn l-affarijiet ma jibqghux sejrin.

Ix-xhud kompla jghid li huwa ma kienx jaf lill-imputat u ma kienx jaf ir-raguni ghala qed jghid hekk fuqu. Dwar Victor Theuma pero, qal li jafu bhala bennej u hu habib tieghu u li hadimlu d-dar tieghu x-Xaghra u li fil-fatt dan kien joqghod qrib tieghu.

Meta **reggha xehed Dottor Joseph Xuereb** [fol 23] nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 huwa kkonferma x-xhieda precedenti tieghu fl-intier taghha u li huwa mar jitkellem mal-avukat tieghu wara li kien gie avvicinat mis-Supretendent Valletta. Mistoqsi jekk qatt gie investigat dwar dan ir-rapport, ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghalkemm xorta hass ruhu ingurjat u xtaq jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed Victor Theuma** [fol 15] fejn qal li hu bennej u li darba meta kien fil-pjazza kien sabu s-Supretendent Joseph Valletta li nformah li kien mar fuqu persuna u allega li huwa kien imcappas bid-droga. Ix-xhud qal li hu kien innega mas-Supretendent dan kollu ghaliex qal li ma kellux bzonn dak ix-xoghol. Ix-xhud kompla jghid li s-Supretendent Valletta kien qallu li din il-persuna li kienet qaltlu dan kien l-imputat Joseph Buttigieg u li dan tal-ahhar kien wissa lis-Supretendent sabiex jara ma min qed jghamilha biex ma jiccappasx. Mistoqsi kienx jaf lill-imputat, huwa wiegeb fl-affermattiv ghaliex qal li ghamel xi bini fil-vicinanzi tieghu.

**Meta rega' xehed nhar t-tletin ta' Settembru 2004, Victor Theuma** [fol 37] qal li hu sar jaf bil-kwistjoni minghand s-Supretendent Joseph Valletta meta, waqt li kienu qed jiehdu drink fil-pjazza tax-Xaghra qallu *face to face* "Isma, int qed iddahhal xi drogi ghax ghandek rapport li int u Dottor Xuereb qeghdin ddahhallu d-droga minn barra." Qal li meta qallu dan il-kliem ma qalulux b'cajta ghaliex ma kienux affarijiet tac-cajt dak li kien qed jallega u fil-fatt, kompla jghid x-xhud, "Fil-fatt, jien gejt biex inkompli mmexxi." Ix-xhud ikkonferma li s-Supretendent Joseph Valletta kien qallu li din l-allegazzjoni kienet gejja mill-imputat Joseph Buttigieg.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 17] fejn qal li fis-sena 1995 jew 1996 kellu rapport fejn l-imputat kellu xi kwistjoni fuq xi trakk li ma setghax jidhol fil-proprjeta tieghu mal-familja Mifsud li kienu joqghodu vicin. Qal li hu kien mar fuq il-post bhala Surgent, u fost il-kliem li kien qallu l-imputat, dan kien semmihlu lid-dentist Joseph Xuereb bahal traffikant tad-droga u li anke jahdem id-droga fir-residenza tieghu. Ix-xhud qal li minkejja li ma kienx jaf lid-dentist dak z-zmien, m'emmnux peress li raha qisu xi haga *far fetched* biex jemmen, pero minkejja dan, hu kellem lil Ispettur Vassallo dak iz-zmien u dan minn naha tieghu kien qallu "U iva, dak dejjem hekk sejjer" u l-bicca tax-xoghol waqfet hemmhekk. Qal li pero xi tlett snin ilu ix-xhud kien f'okkazzjoni ma Joseph Xuereb u waqa d-diskors fuq dawn l-affarijiet u x-xhud qal lil Joseph Xuereb dwar dak li kien qallu l-imputat ftit taz-zmien qabel. Ix-xhud kompla jghid li fis-sebgha ta' Settembru 2003, waqt li kien f'marc mas-Supretendent Joseph Valletta, kif il-marc wasal fil-pjazza ghall-habta ta' nofs il-lejl, ra lil imputat jitkellem mas-Supretendent Joseph Valletta u kif telaq l-imputat dar fuqu s-Supretendent Joseph Valletta u qallu li l-imputat kien qallu li l-konsenja droga li kienet ghadha kemm inqabdet kienet destinata ghad-dentist Joseph Xuereb u ghal Victor Theuma. Ix-xhud kompla jghid li ftit tal-hin wara dan Victor Thuema iltaqa mas-Supretendent Joseph Valletta u dan qallu b'dak li kien qallu l-imputat u dan Victor Theuma xejn ma ha pjacir b'dak li sema. Ix-xhud qal li ghal bidu huma kienu haduha b'cajta pero Victor

Theuma ma kienx ha pjacir biha u ried li jittiehdu passi u wara nfurmaw lil Joseph Xuereb b'dan u wara ftit taz-zmien ircievew il-kwerela tat-tnejn li huma biex jittiehdu passi kontra l-imputat. Ix-xhud, mistoqsi jekk irrizultalux xi haga li tista torbot lid-dentist Joseph Xuereb u lil Victor Theuma ma xi droga, wiegeb li huma qatt ma kellhom l-inqas suspett li dawn setghu kienu nvoluti fit-traffikar jew manifatturar ta' droga.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed Lawrence Saliba** [fol 19] fejn qal li lil Joseph Xuereb hu jafu peress li kien scout maghhom u kellu t-tifel scout maghhom. Qal li hu barra li hu scount leader jahdem mal-Water Services. Qal li darba fost l-ohrajn kien kellmu r-receptionist u qallu li kienet dahlet telefonata fejn intqal li d-dentist kien qed jisraq l-ilma, pero ma kien jaf minn kien kellem lir-receptionst. Qal li hu dakinhar kien qal lir-receptionist biex jaghmel rapport l-Ghassa, pero ma kienx zgur jekk dan r-rapport fil-fatt sarx. Qal wkoll li fl-ewwel okkazzjoni li d-dentist kien mar ghat-tifel kien qallu li kien hemm allegazzjoni li kien qed jisraq l-ilma, pero m'ghidtlux minn kienet il-persuna li allegat dan ghaliex ma kienx jaf minn hi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat principalment u fl-ewwel lok hu akkuzat bir-reat deskritt bhala kalunja kif dispost fl-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-imputat akkuza lid-dentist Joseph Xuereb u lil Victor Theuma quddiem awtorita` kompetenti b'reat u cioe ta' traffikar ta'droga meta kien jaf li huwa nnocenti.

Skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar l-hamsa ta' Frar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Borg**, kien hemm t-tlett elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kaljuna u cioe:

1. L-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil peruna ddenunzjata;
2. L-akkuza quddiem l-awtorita` kompetenti; u

3. Li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjant ikun jaf li d-denunzjat huwa innocenti [ara wkoll Rex v Caterina Debono - 12.11.1919 u Il-Pulizija v Violet Smith - 07.06.1952 Appell Kriminali].

Kif jispjiega **Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu** a rigward tal-element formali ta' dan r-reat,

*"The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accused who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him." [pg. 62]*
*The knowledge on the part of informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid on the complaint made must be <u>certain</u> so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation." [pg. 62]"*

Issa, skond is-sentenza moghtija mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Seychell**:

*"L-akkuza jew denunzja ai finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari, l-unika haga li hi rikjesta hu li dik l-akkuza jew denunzja ssir quddiem awltorita kompetenti, jigifieri <u>awtorita li ghandha s-setgha li tipprocedi</u> biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti [jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq l-Qorti] lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dan r-reat."*

F'din is-sentenza, dik il-Qorti hasset li Surgent, ghalkemm subaltern ta' Spettur ghal dak li huwa rank, hu awtorita` kompetenti f'dan s-sens bhala ma huwa anke semplici Kuntistabbli li ghandu l-obbligu li jirrapport lil Ufficjal

Superjuri tieghu allegazzjoni bhal dik maghmula mill-appellant f'dan il-kaz.

Dwar il-persuna kalunjata din trid tkun identifikata jew ragjonevolment identifikabbli .

Fil-fatt **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** - UTET 1924 - Vol 2 - para 1100 - jghid:

*"Perche sussista il delitto di calumnia e' necessario la possibilita del danno, nel senso di poter provocare una ingiusta procedura contro la persona determinata. Dicendo questo, non intendiamo esprimere che sia proprio necessario nella denunzia o querela il nome del calumniato, basta che la denunzia o querela contengono i dati necessari per identificarlo."*

Id-Difiza ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Doreen Zammit**, fejn dik il-Qorti tat importanza ghal element formali tar-reat fis-sens li pprovdiet:

*"Li min jaghmel rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, ikun jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kienetx ghamlet dak r-reat bil-konsegwenza naturali ta' tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lil persuna rappurtata."*

Dan inghad ghaliex wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzjali naturali ta' dak li ntenzjonalment u voluntarjament jaghmel.

Din il-Qorti dwar dan kienet ipprovdiet fis-sentenza taghha moghtija nhar ***l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Isabelle Micallef** li:

*"Sabiex jissusisti dan r-reat kif kontemplat f'dan l-artikolu, hemm bzonn li l-element formolat tar-reat li jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja, strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Semplici kliem maghdud bil-fomm jew*

*bil-miktub, li permezz tieghu wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti, jammonta ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti huwa bizzejjed."*

Dan hu distint mill-artikolu 110(1) tal-istess Kap 9 fejn hemmhekk hemm bzonn li jinholqu tracci w indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna.

Illi **l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri** u lanqas resaq xhieda in difesa tieghu u strah biss fuq il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, kif del resto kellu kull dritt li jaghmel.

Illi mill-provi migbura jirrizulta, bla ebda ombra ta' dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat mar fuq is-Supretendent Joseph Valletta u qallu sabiex joqghod attent ma min jghamilha ghaliex Doctor Joseph Xuereb u Victor Theuma, zewgt ihbieb tal-istess Supretendent, huma nvoluti fit-traffikar tad-droga u dan kien fis-sebgha ta' Settembru 2003 waqt li huwa kien x-Xaghra, liebes l-uniformi, fuq xoghol. Kompla jispjiega li d-droga li kienet inqabdet Malta, kienet destinata ghalihom. Qallu wkoll li kien qed jghidlu dak d-diskors sabiex jiftahlu ghajnejh. Is-Supretendent Joseph Valletta, naturalment baghat ghad-dentist Joseph Xuereb u ghal Victor Theuma u qalilhom bir-rapport li kien ghamlilhom l-imputat. Kemm d-dentist **Joseph Xuereb kif wkoll Victor Theuma xehdu u cahdu** dak li kien gie rappurtat fil-konfront taghhom u wrew ix-xewqa taghhom li jipprocedu ulterjorment fil-konfront tal-imputat odjern ghal kalunja.

Ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat meta ddenunzja lil Victor Theuma u lil Doctor Joseph Xuereb kien li jipprova jiddegrada l-gieh taghhom billi jattribwixxi fatti li ma kienux veri, liema fatti huma l-bazi ta' reat serju hafna.

Illi ma hemmx dubbju li rapport bhal dan, maghmul lil ghola awtorita tal-Pulizija Ezekuttiva f’Ghawdex huwa rapport serju maghmul fil-konfront ta' professjonist u

bniedem iehor innocenti ghandu jigi kkundannat bl-aktar mod sever. Illi huwa minnu li s-Supretendent Joseph Valletta ma hax passi, pero dan m'ghamlux ghaliex kien jaf liz-zewg minn nies innocenti li gew denunzjati u kieku ma kienx hekk zgur li kien ser jipprocedi ulterjorment u jinvestiga l-kaz. L-intenzjoni tal-imputat kien xejn inqas minn dik li jakkuza persuni nnocenti b'reat meta kien jaf li fil-fatt m'ghamlux dawk r-reati bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lil persuna rappurtata, proprju dak li l-legislatur ma jridx li jsir meta ppromulga r-reat fuq imsemmi.

L-imputat huwa wkoll fit-tieni lok akkuzat skond dak dispost fl-artikolu 252(1) tal-Kap 9 u cioe li tellef l-gieh ta' Doctor Joseph Xuereb u ta' Victor Theuma, billi weggahhom bi kliem.

Dan t-tieni reat in kwistoni gie definit mill-Qrati taghna bhala r-reat ta' ingurja gravi jew specifikament maghmul bi kliem, gesti, kitba, disinji jew b'xi mod iehor, a differenza mir-reat ta' ingurja generika diretta lejn persuna presenti de viso ai termini tal-artikolu 252(2) tal-Kap 9, li hu wkoll distint mill-ingurja kontravenzjonali kontemplata fl-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan id-delitt jirrikjedi l-intenzjoni kriminuza specifikata li min iwettaq dan r-reat, ikun r-rizultat ta' dak l-att kriminuz fejn tigi mnaqqsa jew imtellfa r-reputazzjoni jew gieh ta' 'l hekk imsejjah offiz.

Sabiex jissusisti dan r-reat u cioe sabiex l-gieh u reputazzjoni ta' xi hadd tigi mnaqqsa, huwa rikjest li l-agir ta' min hu allegat li qed iwettaq l-att kriminuz permezz ta' tali kliem, kitba, disinji, ecc. m'ghandhux jigi ndizzjat direttament de viso lejn il-persuna vittma ta' dan l-agir, izda l-kliem offensiv ghandu jinghad lil terzi, ghaliex huma dawn t-terza persuni li b'mod oggettiv jistghu jghidu jekk effettivament dak l-agir kellux l-effett fuqhom li jnaqqas f'ghajnejhom jew fl-opinjoni taghhom, il-gieh jew reputazzjoni tal-persuna li ghalih dak li ntqal qed jirreferi. [vide **Il-Pulizija v Mario Grixti** ***deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1990***].

Fi kliem **Antolisei**:

*"Per la consumazione del reato di difamazione e' necessario che l'espressione offensiva pervenga a conoscenza di un altra persona e' sia <u>da altri percepita</u>. La perfezione del reat si verificono allorche i fatti che li concentrano vengono a conoscenza di altre persone."*

Anke fis-sistema Ingliza skond il-**Kenny**;

*"The gest of the matter is the loss of the reputation of a person and this occurs through publication or circulation to a third party."*

Gie ritenut fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Frar 1998***, fl-ismijiiet **Il-Pulizija v Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani** li:

*"L-animus injuriandi jista jigi ppruvat u jkun jirrizulta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, mghaduda ma dawn c-cirkostanzi l-istess kliem, gesti ecc. li jkunu jiffurmaw l-element materjali tar-reat."*
Id-Difiza ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Setembru 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci** u appuntu ghal dik il-parti fejn intqal is-segwenti:

*"Ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hija dottrina pacifika li meta l-kliem jew atti, kitba, disinji, ecc., ikunu manifestament ingurjuzi, tali ntenzjoni specifika hi <u>presunta</u>* [sottolinear ta' din l-Qorti] *u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova [imqar fuq bazi ta' probabilita] li dawk l-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltragga, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-animus injuriadi. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu animus corrigendi, jew animus consulendi, jew animus jacondi, ma jistax jinghad li hemm r-reat kontemplat fl-artikolu 252(2) tal-Kodici Kriminali."*

Issa, f'dan il-kaz, id-Difiza m'ghamlet xejn minn dan u bl-ebda mod ma ppruvat li l-kliem li ntqal mill-imputat fil-konfront tal-offizi, ntqalu ghal xi skop divers. Il-Qorti hija tal-fehema li dak li qal l-imputat, qalu bil-hsieb specifiku sabiex inaqqas il-gieh u reputazzjoni tal-offizi. Il-kliem tal-imputat ma kienx spontanju, izda kien mahsub minn qabel m'intqal u l-imputat sab proprju l-hin u l-persuna adegwata lil min ghandu jghidu.

Illi ghalhekk **il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 101 u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.**

Il-Qorti rat l-fedina penali tieghu esibita fl-atti u rat li mhiex daqshekk reflettarja b'numru ta' kontravenzjonijiet u reati ta' portata zghira registrati fuqha.

Rat wkoll li proceduri fil-konfront tal-offizi ma gewx inizjati a bazi tal-kalunja maghmula mill-imputat u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, thoss li l-piena idoneja m'ghandix tkun dik ta' prigunerija izda wahda ta' multa u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li tiddikjara lil imputat JOSEPH BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------